MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 70/1992/1

**Loreto Abela**

**v.**

**Bertie u Hector ahwa Carter u Emmanuel Fucile u Joseph Scifo dawn l-ahhar tnejn bhala diretturi ghan-nom**
**u in rappresentanza ta' Cans Industries Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-attur Loreto Abela minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Jannar 2007 li biha ddikjarat li l-konvenuti Bertie u Hector ahwa Carter mhux il-legittimi kontraditturi u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju; cahdet it-talbiet kollha attrici kif ukoll it-talbiet kollha tas-socjeta` konvenuta kif kontenuti fil-kontro-talba. Bl-ispejjez kollha kontra l-attur ad eccezzjoni ta' dawk relattivi ghall-kontrotalba li kellhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

Is-sentenza tal-ewwel Qorti tghid hekk:
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

"Illi l-attur kien dahal fi trattattivi mal-konvenuti Bertie u Hector ahwa Carter biex jinvesti flus fis-socjeta` Cans Industries Limited u ghall dan il-fini kien ivversa f'idejn l-estess konvenut flus u merkanzija kif ukoll makkinarju sabiex ikunu jistghu jipproducu materjal ghall-bejgh fis-suq u dan dejjem bil-hsieb finali li jsir shab bejn il-partijiet f'liema l-attur ikun socju;

"Illi it-trattattivi tal-istess investiment propost mill-istess attur u assocjazzjoni tieghu mal-istess konvenuti safa fix-xejn u dan minhabba principalment l-istat finanzjarjament riskjuz tas-socjeta` konvenuta fuq imsemmija;

"Illi meta n-negozju bejniethom ma giex konkjuz, l-attur talab lura minghand il-konvenuti il-flus minnhu lilhom versati bl-idea tal-fuq imsemmija assocjazzjoni, il-makkinarju li kien fadal f'idejhom, u l-prezz tal-istock li l-istess konvenuti kienu hadu f'idejhom min ghandu kif ukoll kumpens ekwu u adekwat ghall-uzu li l-istess konvenuti kienu ghamlu tul il-perijodu tan-negozjat mill-oggetti fdati f' idejhom;

"Illi minn dawn il-konvenuti sal-lum ghadhom biss iritornaw il-makkinarju u parti zghira mill-versament minnhu maghmul u ghad fadlilhom jaghtuh is-somma komplessiva ta' sbatax il-elf u sitt mija u tnejn u hamsin lira maltija u sitta u sittin centezmu kif jidher mill-annessi dokumenti

markati Dok A u B u dan oltre il-kumpens li qieghed jirriklama ghax-xoghol li lahqu hadmu bil-makkinarju, il-merkanzija u l-flus tieghu;

“Illi t-trattattivi ghan-negozju fallew biss minhabba li l-konvenuti ma kienux f’posizzjoni li jaghtuh assikurazzjoni sufficjenti finanzjarja dwar l-investiment li kien ser jaghmel u meta huwa indaga l-affarijiet sar jaf li l-posizzjoni tas-socjeta` ma kienitx kif kienet giet lilu originiarjament rappresentata;

“Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti proprio et nomine jghidu ghaliex m’ ghandhomx jigu minn din il-Qorti:-

“1. kundannati flimkien u solidalment jirrifondu lill-attur is-somma ta’ sbatax il-elf u sitt mija u tnejn u hamsin lira maltija sitta u sittin centezmu bilanc minn somma akbar rappresentanti flus u prezz ta’ merkanzija minnu versata u fdata f’idejn il-konvenuti bil-hsieb li jsir il-fuq imsemmija negozju f’liema negozju baqa ma giex konkjuz u dan flimkien mal-imghax kummercjali mid-data tal-versament maghmul;

“2. jigi dikjarat u deciz li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur konsistenti tali danni fl-uzu tal-makkinarju u merkanzija u flus fuq imsemmija, jew in difett ghall-hlas ta’ kumpens minhabba l-arrikiment in debitu da parti tal-konvenut;

“3. jigu likwidati l-istess danni okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi;

“4. jigu kkundannati l-konvenuti flimkien u solidalment ihallsu id-danni hekk likwidati lill-attur;

“Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Hector Carter fejn gie eccepit illi, preliminarjament, l-eccipjent ma

huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, u ghalhekk jitlob illi jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi l-eccipjent qatt ma kellu, f' ismu proprju, ebda rapport guridiku jew relazzjoni kummercjali mal-attur;

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Hector Carter debitament konmfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

"Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Bertie Carter fejn gie eccepit illi, preliminarjament, l-eccipjent ma huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, u ghalhekk jitlob illi jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi l-eccipjent qatt ma kellu, f' ismu proprju, ebda rapport guridiku jew relazzjoni kummercjali mal-attur;

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Bertie Carter debitament konmfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tioeghu;

"Nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Cans Industries Limited fejn gie eccepit :-

"Illi l-bazi tal-azzjoni u konsegwentement, it-talbiet kollha tal-attur, huma nfondati, u ghalhekk jimmeritaw illi jigu respinti, 'il ghaliex, kif inhuwa ccarat fid-dikjarazzjoni tal-eccippjenti, u ser jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna, in-negozju prospettat mill-attur mas-socjeta` konvenuta gie konkluz, u kien biss it-tieni stadju fil-pjanijiet tal-attur mas-socjeta` konvenuta illi ma sehhx;

"Illi s-socjeta` konvenuta u l-attur in effetti ffurmaw assocjazzjoni bejniethom, kif spjegat aktar dettaljatament fid-dikjarazzjoni annessa, u ghalhekk, in linea mal-ftehim taghhom, ghandha qabel xejn, tigi llikwidata l-konsistenza tas-sehem ghad-danni kkawzati mill-istess attur lill-istess assocjazzjoni u lill-esponenti nomine, ghar-ragunijiet hawn taht spjegati;

"Illi t-talba ghall-hlas tal-imghax fuq is-somma ta' sbatax-il elf, sitt mija u tnejn u hamsin lira maltija sitta u sittin

centezmu, mitluba mill-attur, hija ghall-istess ragunijiet premessi, infondata u timmerita illi tigi michuda;
Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-makkinarju u l-merkanzija allegatament versati mill-attur f'idejn is-socjeta` konvenuta gew fil-fatt hekk versati minn terzi, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

"Illi, inoltre, il-merkanzija u l-makkinarju versati f'idejn is-socjeta` konvenuta kienu ta' kwalita` baxxa hafna u arrekaw danni sostanzjali lill-istess eccipjenti nomine, liema pretensjonijiet huma dedotti fil-kontrotalba pprezentata mill-eccipjenti nomine kontestwalment;

"Illi t-talba ghad-danni allegatament sofferti mill-attur, konsistenti tali danni fl-uzu tal-makkinarju u/jew merkanzija, prezumibbilment mis-socjeta` konvenuta, ma tezistix fil-ligi Maltija;

"Illi t-talba alternattiva promossa mill-attur ghall-hlas ta' kumpens minhabba l-allegat arrikkiment indebitu da parti tal-ecipjenti nomine matul il-perijodu illi l-makkinarju kien fil-fabbrika taghhom u/jew ghall-uzu tal-merkanzija timmerita illi tigi michuda, stante illi ma jezistux l-elementi tal-arrikkiment indebitu, u dan kif jirrizulta wkoll ampjament mill-istess citazzjoni u dikjarazzjoni attrici;

"Illi, minghajr pregudizju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-attur ghazel volontarjament illi jikkonsenja l-makkinarju u l-merkanzija fil-fabbrika tas-socjeta` konvenuta u ghamel uzu mill-istess makkinarju u merkanzija, matul il-perijodu ta' rimanenza tal-istess f' din il-fabbrika;

"Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, altru milli danni sofferti mill-attur jew l-arrikkiment indebitu da parti tas-socjeta` konmvenuta kkawzati mill-uzu tal-makkinarju u/jew merkanzija, hi l-istess socjeta` konvenuta li sofriet danni konsiderevoli u telf sostanzjali minhabba l-kwalita` hazina w inferjuri tal-istess;

"Illi t-talba ghall-hlas tad-danni allegatament sofferti mill-attur u konsistenti fl-uzu tal-flus allegatament versati mill-

attur hija interament infondata. L-artikolu 1047(1) tal-Kodici Civili (Kap.16) jeskludi, soggett ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-istess Artikolu, il-hlas tad-danni ghat-telf t'uzu ta' flus, hlief ghall-imghax, u l-hlas tal-imghax huwa gja' inkorporat fl-ewwel talba attrici. L-imsemmi subartikolu (2) tal-istess artikolu jiddetermina c-cirkostanzi fejn tali danni, oltre l-imghax, ghandhom jigu kkunsidrati, liema cirkostanzi, izda, lanqas ma gew premessi, altrimenti msemmija, fic-citazzjoni attrici, kif lanqas jissussisti fil-fatt;

"Illi l-azzjoni ghall-arrikkiment indebitu, f'kuntest ta' pagament versat indebitament, kif donnu qieghed jallega l-attur, mhux ikkontemplat fil-ligi, u f'kull kaz, tali talba hija nkorporata fl-ewwel talba attrici;

"Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

"Rat il-kontrotalba tas-socjeta` konvenuta Cans Industries Limited fejn gie premess :-

"Illi s-socjeta` konmvenuta trid tinqeda b'din in-nota ta' eccezzjonijiet sabiex taghmel is-segwenti kontrotalba;

"Illi l-attur kien esprima l-volonta illi jakkwista terz tas-socjeta` Cans Industries Limited versu valur illi gie bonarjament miftiehem ta' sebghin elf lira maltin (Lm70,000);

"Illi sakemm jigu finalizzati l-formalitajiet kollha mehtiega u relattivi, l-attur u s-socjeta` konvenuta iffurmaw assocjazzjoni bejniethom, fejn l-attur kellu jivversa l-kontribut tieghu f'valur ta' sebghin elf lira maltin (Lm70,000) ghall-applikazzjoni fil-kummerc tal-assocjazzjoni pprospettata mill-partijiet u jippartecipa kemm fid-direzzjoni u amministrazzjoni ta' din l-assocjazzjoni kif ukoll mill-profitti u t-telf tal-istess assocjazzjoni;

“Illi ghal dan il-fini, l-attur kien ivversa makkinarju, flus u merkanzija fl-assocjazzjoni, ghalkemm ma kkontibwiex is-sehem kollu spettanti minnhu;

“Illi l-attur esprima x-xewqa tieghu illi ma jibqghax f’assocjazzjoni mas-socjeta` konvenuta u zgombra mill-fabbrika tas-socjeta` konvenuta u talab illi l-kontribut tieghu jintradd lura;

“Illi l-assocjazzjoni soffriet telf sostanzjali, attribwibli principalment lill-attur, peress illi l-makkinarju u l-merkanzija versati minnhu fl-assocjazzjoni kienu ta’ kwalita` baxxa hafna;

“Illi konsegwentement, is-socjeta` konvenuta soffriet danni sostanzjali, konsistenti f’telf ta’ qliegh u telf iehor, liema danni huma attribwiti interament lill-attur;

“Illi, nonostante interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta, ghar-ragunijiet premessi, l-attur baqa’ inadempjenti;

“Ghalhekk is-socjeta` konvenuta talbet li l-attur jghid ‘il ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

“tiddikjara u tiddeciedi li l-attur huwa responsabbli ghad-danni, konsistenti f’ telf ta’ qliegh u telf iehor, sofferti mis-socjeta` konvenuta kif fuq spjegat;

“tillikwida, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, l-istess danni sofferti mis-socjeta` konvenuta;

“tikkundanna lill-attur ihallas lis-socjeta` konvenuta dik is-somma li tigi hekk likwidata;

“Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn gie eccepit illi huwa bl-ebda mod ma hu responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta` konvenuta Cans Industries Limited kif pretiz mill-istess socjeta` konvenuta;

“Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

“Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tad-9 ta’ Marzu 1992 li bih gew nominati l-Avukat Dottor Philip Manduca bhala perit legali u Albert Vella bhala espeert komputista biex jassisti lill perit legali u dan bil-fakoltajiet kollha soliti;

“Rat ir-relazzjoni tal-perit legali debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tad-19 ta’ Mejju 2003;

“Rat il-verbal tal-istess seduta Tad-19 ta’ Mejju 2003minn fejn jirrizulta li l-perit legali ddikjara li huwa kien gie nominat bhala perit leagli ukoll fil-kawza citazzjoni numru 208/92 u r-relazzjoni presentata f’dawn il-proceduri ghandha tapplika ukoll ghall-imsemmija kawza l-ohra;

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti;

“Ikkonsidrat:

“Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li kien ittratta mal-konvenuti Bertie u Hector ahwa Carter biex jinvesti flus fis-socjeta` konvenuta Cans Industries Limited. Ghalhekk huwa vversa f’idejn l-estess konvenuti flus, merkanzija u makkinarju sabiex jigi prodott materjal ghall-bejgh fis-suq

u dan dejjem bil-ghan li l-attur jsir shab. Dawn it-trattattivi pero` sfaw fix-xejn principalment minhabba l-istat finanzjarjament riskjuz tas-socjeta` konvenuta. Minhabba f'hekk l-attur talab lura l-flus ivversati, l-makkinarju li kien fadal f'idejn il-konvenuti u l-prezz tal-istock li kien hadu f'idejn l-istess konvenuti kif ukoll kumpens ekwu u adekwat ghall-uzu, da parti tal-konvenuti, tal-imsemmija oggetti tul il-perijodu tal-imsemmija trattattivi. Il-konvenuti rritornaw biss il-makkinarju u rrifondew parti zghira mill-ammont versat. Ghad fadal f'idejn il-konvenuti s-somma komplessiva ta' sbatax il-elf u sitt mija u tnejn u hamsin lira maltija u sitta u sittin centezmu (Lm17652.66). L-attur ikompli jippremetti li l-imsemmija trattattivi fallew unikament minhabba li l-konvenuti ma kienux f'posizzjoni li jaghtuh assikurazzjoni sufficjenti finanzjarja dwar l-investiment. Meta l-attur indaga sab li l-posizzjoni tas-socjeta` ma kienitx kif kienet giet lilu originiarjament rappresentata. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati, flimkien u solidalment, sabiex jirrifondu lill-attur l-imsemmija somma. L-attur qed jitlob ukoll li jigi dikjarat li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti minnu konsistenti fl-uzu tal-makkinarju, merkanzija u flus jew in difett ghall-hlas ta' kumpens minhabba l-arrikiment indebitu da parti tal-konvenuti. Qed jitlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u konsegwentement li l-konvenuti jigu kundannati, flimkien u solidalment, ihallsu id-danni hekk likwidati;

"Il-konvenuti ahwa Carter qed jeccepixxu li huma mhumiex il-legittimi kontraditturi stante li huma propio qatt ma kellhom ebda rapport guridiku jew relazzjoni kummercjali mal-attur;

"Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi illi n-negozju taghha prospettat mill-attur kien gie konkluz, u kien biss it-tieni stadju prospettat mill-attur li ma sehhx. Is-socjeta` konvenuta u l-attur kienu iffurmaw assocjazzjoni bejniethom u ghalhekk ghandha, qabel xejn, tigi llikwidata l-konsistenza tas-sehem tad-danni kkawzati mill-istess attur lill-istess assocjazzjoni u lis-socjeta` konvenuta. Teccepixxi inoltre li t-talba ghall-imghax hi ghall-istess ragunijiet infondata u li l-makkinarju u l-merkanzija gew fil-

fatt versati minn terzi. Inoltre l-merkanzija u l-makkinarju versati kienu ta’ kwalita` baxxa hafna u arrekaw danni sostanzjali lill-istess socjeta` konvenuta. Illi t-talba ghad-danni tal-attur ma tezistix fil-ligi nostrana u t-talba alternattiva ghall-hlas ta’ kumpens minhabba arrikkiment indebitu timmerita li tigi michuda, stante illi ma jezistux l-elementi tal-arrikkiment indebitu. Teccepixxi li l-attur ghazel volontarjament li jikkonsenja l-makkinarju u l-merkanzija fil-fabbrika tas-socjeta` konvenuta u l-istess attur ghamel uzu mill-istess makkinarju u merkanzija, matul il-perijodu ta’ rimanenza tal-istess f’din il-fabbrika. Hi s-socjeta` konvenuta li sofriet danni konsiderevoli u telf sostanzjali minhabba l-kwalita` hazina w inferjuri tal-makkinarju. It-talba tal-attur ghall-hlas tad-danni hi infondata. L-artikolu 1047(1) tal-Kodici Civili (Kap.16) jeskludi, soggett ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-istess artikolu, il-hlas tad-danni ghat-telf t’uzu ta’ flus, hlief ghall-imghax u l-hlas tal-imghax huwa gja’ inkorporat fl-ewwel talba attrici. Ic-cirkostanzi prospettati fl-imsemmi subartikolu ma gewx premessi fic-citazzjoni attrici. Finalment teccepixxi li l-azzjoni ghall-arrikkiment indebitu fil-kuntest ta’ pagament versat indebitament mhux kontemplat fil-ligi, u f’kull kaz, tali talba hija nkorporata fl-ewwel talba attrici;

“Fil-kontrotalba s-socjeta` konvenuta tippremetti li l-attur kien wera l-volonta’ tieghu li jakkwista terz tas-socjeta` konvenuta ghal prezz miftiehem ta’ sebghin elf lira maltin (Lm70,000). L-attur u s-socjeta` konvenuta iffurmaw assocjazzjoni, sakemm jigu finalizzati l-formalitajiet kollha, fejn l-attur kellu jivversa l-kontribut tieghu f’valur ta’ sebghin elf lira maltin (Lm70,000) L-attur kellu jippartecipa kemm fid-direzzjoni u amministrazzjoni ta’ din l-assocjazzjoni kif ukoll mill-profitti u t-telf tal-istess assocjazzjoni. Ghalhekk l-attur kien ivversa makkinarju, flus u merkanzija pero` ma kienx ikkontribwixxa is-sehem kollu tieghu;

“Fl-istess kontro-talba s-socjeta` konvenuta tkompli tippremetti li f’hin minnhom l-attur ried li ma jibqghax f’din l-assocjazzjoni u zgombra mill-fabbrika tas-socjeta` konvenuta u talab li l-kontribut tieghu jigi rifuz. L-

assocjazzjoni soffriet telf sostanzjali, peress illi l-makkinarju u l-merkanzija versati mill-attur kienu ta' kwalita` baxxa hafna u konsegwentement, is-socjeta` konvenuta soffriet danni konsistenti f'telf ta' qliegh u telf iehor, liema danni huma attribwiti interament lill-attur. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta qed titlob li l-attur jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` konvenuta, li jigu likwidati dawn id-danni u li l-attur jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

“Ghal din il-kontro-talba l-attur eccepixxa li huwa bl-ebda mod ma hu responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta` konvenuta;

“F'dawn il-proceduri gew nominati Dottor Philip Manduca bhala perit legali u Albert Vella bhala perit komputista biex jassisti lill-perit legali;

“L-abbli perit legali esamina funditus il-provi prodotti u kkonkluda li kienu terzi, cioe' s-socjeta` Mill Masters Limited, li kienu kkonsejaw il-makkinarju u l-istock in kwestjoni lis-socjeta` konvenuta u mhux l-attur personalment. Lill perit legali irrizultalu li l-attur ivversa l-merkanzija u makkinarju in kwestjoni mhux biex juzahom il-konvenuti ahwa Carter personalment izda bhala investiment fis-socjeta` konvenuta. Irrizultalu ukoll li fid-dawl tal-provi prodotti l-attur personalment ma ghandu l-ebda dritt fil-konfront tal-konvenuti u li huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-konvenut Albert u Hector Carter propio. Il-perit legali kkonkluda li l-attur ma jistax jippretendi kumpens talli s-societa Cans, jew haddiehor, uzat l-makkinarju ghaliex l-makkinarju kien ta' terzi u mhux tal-attur. Illi anki l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta tirrizulta insostenibbli peress li r-relazzjoni guridika kienet ma terzi. Ghal dawn ir-ragunijiet il-perit legali kkonkluda li t-talbiet attrici u t-talbiet fil-kontro-talba ghandhom jigu kollha michuda.

“Il-Qorti ezaminat bir-reqqa din ir-relazzjoni tal-perit legali. Taqbel mal-kostatazzjonijiet li ghamel u mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-abbli perit leagli u

ghalhekk dawn l-istess konkluzjonijiet qed jigu adottati u l-Qorti tghamillhom taghha;

“Ghandu jigi rilevat li l-konvenuti propio mill-ewwel eccepixxu li huma mhumiex il-legittimi kontradditturi. Inoltre s-socjeta` konvenuta ukoll mill-ewwel eccepiet, fost affarijiet ohra li l-makkinarju in kwestjoni kien jappartjieni lill terzi. Il-fatt li s-socjeta` konvenuta ghamlet kontro-talba ma jfissirx li tesisti relazzjoni guridika bejn l-attur u l-istess socjeta` konvenuta. Il-fatt li l-attur agixxa f’isem socjeta` kummercjali juri appuntu li huwa kien qed jagixxi ghan-nom ta’ terzi u mhux f’ismu propju. L-argument tal-attur, li ma hemmx distinzjoni bejnu personalment u l-kumpanija li f’isimha hu kien qed jagixxi, hu insostenibbli. Lanqas ma hu sostenibli li s-socjeta` tal-attur tagixxi bhala agent tal-istess attur;

“Inoltre bl-ebda mod ma jirrizulta li l-attur ghandu jigi ritenut responsabbli personalment ghal xi danni li setghet sofriet is-socjeta` konvenuta;

“Ghal dawn il-motivi:

“Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddkijara li l-konvenuti Bertie u Hector ahwa Carter mhux il-legittimi kontradditturi f’din il-kawza u konsegwentement l-istess konvenuti qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici u billi fit-tielet lok tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` konvenuta kif kontenuti fil-kontro-talba;

“Spejjez kollha kontra l-attur ad eccezzjoni ta’ dawk relattivi ghal kontro- talba li ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta.”

**Rikors tal-appell tal-attur**

L-attur hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha.

1. L-aggravju principali tal-attur jikkonsisti essenzjalment fil-fatt illi l-Qorti ddikjarat illi hu ma kellu l-ebda interess guridiku fil-kawza proposta minnu. Hu

jsostni li s-socjeta` Mill Masters Ltd kienet essenzjalment u sostanzjalment marbuta mal-persuna tieghu tant li m'ghandu jkun hemm l-ebda distinzjoni bejnu u bejn is-socjeta` Mill Masters Ltd.

2. It-tieni lanjanza tal-appellant hija li s-socjeta` Mill Masters kienet l-agent tieghu li ma kellha l-ebda rieda indipendenti minnu ghalhekk hu ghandu interess guridiku f'din il-kawza.

3. It-tielet aggravju tal-appellant hu li s-socjeta` Cans Industries Ltd hija l-legittimu kontradittur billi Bertie u Hector Carter kienu joperaw taht l-isem tal-imsemmija kumpanija.

4. L-ahhar aggravju hu li l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li s-socjeta` konvenuta Cans Industries Ltd ma kienetx legittima kontradittrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur appellant talab ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, in kwantu cahdet it-talbiet tieghu (hu fil-fatt talab il-konferma wkoll kwantu ghac-cahda tat-talbiet rikonvenzjonali).

**Risposta tal-konvenuti appellati kollha.**

Il-konvenuti appellati wiegbu li l-appell intavolat mill-attur fl-1 ta' Frar 2007 ghandu jigi meqjus bhala dezert u, fin-nuqqas, li s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Preliminarjament il-konvenuti appellati wiegbu li :

- L-appell intavolat fl-1 ta' Frar 2007 ghandu jigi meqjus bhala dezert ai termini tal-Artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12 peress illi l-proceduri bil-miktub ma nghalqux fiz-zmien perentorju ta' sena, ossija fl-1 ta' Frar 2008.

- L-appellant inoltre ma tax kaz tal-provvedimenti tal-artikoli 146 u 963 tal-Kap. 12 billi f'dan il-perjodu ta' sena, l-appellati ma nghatawx l-opportunita` li jipprezentaw ir-risposta taghhom fi zmien ghoxrin jum,

b'mod li l-proceduri bil-miktub ikunu jistghu jinghalqu kif mitlub fl-artikolu 963 tal-Kap. 12.

- Illi l-appellat Hector Carter ma giex notifikat bil-procedura tal-affissjoni hekk kif ordnat minn din il-Qorti fid-digriet taghha tat-23 ta' Jannar 2008 stante li ghalkemm saret l-affissjoni mal-Ghassa tal-Pulizija u mal-Kunsill Lokali, ma saritx l-affissjoni mad-dar tar-residenza tieghu kif jirrizulta mir-riferta negattiva ezibita fil-process. Inoltre n-notifika bil-pubblikazzjoni saret b'mod kollettiv ghaz-zewg appellati, meta skond il-ligi, kull appellat kellu jigi notifikat separatament.

Dwar l-aggravji tal-meritu tal-appellant, il-konvenuti rribattewhom bil-mod li gej:

- L-attur appellant proprju u l-kumpanija Mill Masters Limited huma zewg persuni legali differenti u distinti minn xulxin, u l-attur ma jistax jallega li hu u l-kumpanija huma l-istess haga. Lanqas ma jista' jghid li l-kumpanija tista' tagixxi jew isservi bhala agent tal-azzjonisti taghha.

- Ghalkemm s-socjeta` Cans Industries Ltd giet imharrka fic-citazzjoni, jibqa' l-fatt li l-attur proprju fl-ebda mument ma kellu relazzjoni guridika ma' din l-istess socjeta`, imma kienet is-socjeta` Mills Industries Ltd li kienet qed tinnegozja mas-socjeta` Cans Industries Ltd.

- Il-konvenuti Bertie u Hector Carter qatt ma kellhom f'isimhom proprju xi relazzjoni guridika mal-attur. Il-flus u l-merkanzija kif ukoll il-makkinarju gew versati minn Mills Masters Ltd lill Cans Industries Ltd u mhux lilhom personali.

- Ma hemm l-ebda relazzjoni bejn l-appellant proprju u s-socjeta` Cans Ltd, u l-fatt li s-socjeta` konvenuta ghamlet kontro-talba ma jfissirx li tezisti relazzjoni guridika bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-appell gie differit ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti appellati li l-appell ghandu jigi dikjarat dezert ghax huma gew notifikati wara z-zmien perentorju ta' sena kif stipulat mil-ligi kif ukoll, okkorrendo, fuq il-meritu.

Qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-pregudizzjali tal-konvenuti appellati, din il-Qorti ser telenka l-*iter* tal-proceduri fl-istadju ta' dan l-appell u l-attentati li saru mill-appellant biex jinnotifika lill-konvenuti appellati.

L-appell gie pprezentat fl-1 ta' Frar 2007 izda l-konvenuti ma kienux gew notifikati bir-rikors tal-appell (ara r-riferti negattivi kollha datati 12 ta' Frar 2007).

Fis-17 ta' Jannar 2008, kwazi sena wara, l-appellant donnu stenbah u saret talba ghan-notifika bl-affissjoni tal-konvenuti.  B'digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Jannar 2008 giet awtorizzata n-notifika bl-affissjoni lill-appellati b'dan li kellhom jigu osservati skrupolozament is-subartikoli (3) u (5) tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12, oltre il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'zewg gurnali ta' kulljum, wiehed bil-Malti u l-iehor bl-Ingliz.  Minkejja dan id-digriet il-konvenut Emanuele Fucile gie notifikat personalment fil-21 ta' Jannar 2008 bir-rikors tal-appell (ara r-riferta datata 22 ta' Jannar 2008) u dan evidentement ghax l-appellant rega' hallas ghal notifiki regolari, u cioe` apparti mill-affissjoni u pubblikazzjoni.  Il-konvenut Albert Carter gie wkoll notifikat fil-21 ta' Jannar 2008 bir-rikors.  Izda Hector Carter u Joe Scifo ghal Cans Industries Ltd baqghu ma gewx notifikati.

Saret ukoll l-affissjoni fir-rigward ta' Joe Scifo, billi fl-24 ta' Jannar 2008 twahhlu l-kopji skond il-ligi mar-residenza tieghu, fl-Ghassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali.

Fl-istess gurnata (24/1/08) saret l-affissjoni fir-rigward ta' Hector Carter fl-Ghassa tal-Pulizija u mal-Kunsill Lokali, in-Naxxar, izda mhux mar-residenza tieghu.

Il-pubblikazzjonijiet saru hekk: fil-Gazzetta tal-Gvern saret fit-28 ta' Jannar 2008 mentri l-avvizi fil-Gazzetti Lokali

saru, fit-Times fid-29 ta' Jannar 2008 u fin-Nazzjon fit-30 ta' Jannar 2008.

Ir-risposta tal-konvenuti appellati kollha giet intavolata fit-13 ta' Marzu 2008. L-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-16 ta' Marzu 2009.

Fis-seduta quddiem din il-Qorti tas-16 ta' Marzu 2009 Dott. Norval Desira ghall-appellati kollha u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smigh. L-appellant pero` ma kienx gie notifikat bl-avviz tas-smigh u lanqas bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela, u ghalhekk l-appell gie differit *sine die*.

In segwitu, wara li giet depozitata l-kawtela, l-appell gie riappuntat ghat-2 ta' Novembru 2009 meta dakinhar id-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-klijenti taghhom kollha bl-avviz tar-riappuntament u l-appell gie differit ghat-trattazzjoni ghat-2 ta' Dicembru 2009.

Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2009 gie trattat l-appell li baqa' differit ghal-lum ghas-sentenza inkluza l-pregudizzjali sollevata mill-konvenuti appellati li l-appell ghandu jigi dikjarat dezert ghax gie notifikat wara zmien sena.

**Tikkonsidra:**

Il-konvenuti appellati qed jissottomettu li l-appell, li gie ntavolat fl-1 ta' Frar 2007, ghandu jigi meqjus bhala dezert ai termini tal-Artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12 peress illi l-proceduri bil-miktub ma nghalqux fiz-zmien perentorju ta' sena, ossija fl- 1 ta' Frar 2008.

Jirrizulta li r-rikors tal-appell gie prezentat fl-1 ta' Frar 2007 u sas-17 ta' Jannar 2008 il-konvenuti appellati ma kienux ghadhom notifikati bir-rikors tal-appell, u ghalhekk intalbet in-notifika bil-procedura tal-affissjoni; u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2008 giet ordnata n-notifika taghhom bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni li sehhet l-ahhar wahda fit-30 ta' Jannar 2008, (ghalkemm il-konvenut Hector Carter baqa' ma giex notifikat korrettement bil-procedura relattiva

stante li ma saritx l-affissjoni mad-dar tieghu kif ordnat mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 187(3) (ara riferta tal-24 ta' Jannar 2008 a fol. 14, tergo, tal-process tal-appell).

Skond l-imsemmi Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 fil-kazijiet hemm imsemmija n-notifika ghandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xoghol wara l-ahhar data meta tkun giet pubblikata jew minn meta tkun twahhlet il-kopja, skond liema tigi l-aktar tard. Billi, f'dan il-kaz, it-tlett ijiem tax-xoghol jibdew jiddekorru mit-30 ta' Jannar 2008 dawn jigu li skadew fl-4 ta' Frar 2008, li allura ghandha titqies bhala d-data li fiha l-konvenuti appellati gew notifikati bir-rikors tal-appell stante li l-appell gie pprezentat fl-1 ta' Frar 2007, li hija d-data minn meta, skond l-Artikolu 963(2) tal-Kap. 12, jibda jiddekorri t-terminu. Il-fatt li l-appell tpogga fuq il-lista wara l-gheluq tas-sena ma jiggjovax lill-appellant (ara sentenza **Farrugia v. Bezzina**, App. Kum., deciza fil-15 ta' Gunju 1988).

Skond l-Artikolu 146(1) tal-Kap. 12, il-procedura bil-miktub quddiem il-Qorti fi grad ta' appell titqies maghluqa bit-twegiba ghar-rikors, u fin-nuqqas ta' twegiba, bl-eghluq taz-zmien moghti ghaliha. Ghalhekk it-terminu ta' sena jrid jinkludi wkoll fih it-terminu ta' ghoxrin jum li fih l-appellati jkunu jistghu jintavolaw ir-risposta taghhom (ara sentenza Appell **Stagno Navarra et v. Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp et** deciza fl-10 ta' Dicembru 2003).

F'dan il-kaz, l-appellant wera element ta' non-kuranza ghax mhux biss talab li jigu notifikati l-konvenuti appellati bil-procedura straordinarja kwazi sena wara l-prezentata tar-rikors tal-appell, izda, minkejja li z-zmien kien qed jaghfas, ma talabx notifika b'urgenza, biex din il-Qorti, fit-termini tal-istess Artikolu 187(3), tistabilixxi hi meta n-notifika tkun "titqies" li tkun saret, data li, imbaghad, tkun trid tissemma' wkoll fl-istess pubblikazzjoni jew twahhil (ara sentenza App. **Bank of Valletta p.l.c. v. Avukat Dr. V. E. Ragonesi** deciza fis-27 ta' Novembru 2009).

Ghalhekk dan l-appell, apparti li huwa difettuz fil-procedura tal-affissjoni fir-rigward tal-appellat Hector

Carter li baqa' ma giex notifikat kif suppost, ghandu jitqies bhala dezert a tenur tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12.

Ghal kull buon fini, u dan minghajr pregudizzju, din il-Qorti tirrimarka li, fir-rigward tal-meritu, is-sentenza tal-ewwel Qorti hija sostanzjalment gusta. Il-konvenuti f'isimhom proprju ma kellhom ebda rapport guridiku mal-attur personalment, imma kienet is-socjeta` Mill Masters Ltd li kkonsenjat il-makkinarju u l-istock in kwistjoni lis-socjeta` Cans Industries Ltd. Inoltre din is-socjeta` ma kellha ebda relazzjoni guridika mal-attur proprju billi l-istock u l-makkinarju gie konsenjat minn Mills Masters Ltd lil Cans Industries Ltd u mhux mill-attur proprju. Ghalhekk kellha tinzamm distinzjoni bejn l-attur fil-vesti personali tieghu u l-kumpanija Mill Masters Ltd li ghandha personalita` guridika awtonoma u indipendenti mill-attur u li ma tagixxiex ghan-nom tal-azzjonisti taghha (App. **Dr. K. Dingli v. Dr. Bonnici** 17 ta' Frar 2003; **Scifo Diamantino v. Pace Bonello** 29 ta' Novembru 1989 u App. **Pace v. Bonello** tal-31 ta' Lulju 1996). Kwantu ghall-kontrotalba tal-konvenuti, din giet michuda mill-ewwel Qorti u ma sar l-ebda appell minn dik id-decizjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellati fuq imsemmija u konsegwentement tiddikjara li l-appell odjern mar dezert fl-1 ta' Frar 2008 ai termini tal-Artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12 u ghalhekk ma tiehux aktar konjizzjoni tieghu. L-ispejjez relattivi ghall-istess appell ikunu kollha a karigu tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------